

Brussell, 1 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10765/22

FIN 721
COMPET 556
IND 267
MI 521
RECH 417

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10318/22 FIN 673 COMPET 507 IND 237 MI 484 RECH 386
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 7/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: għadd kbir ta' azzjonijiet ta' appoġġ iżda li mhumiex kompletament koerenti jew ikkoordinati" - Approvazzjoni

1. Fis-17 ta' Mejju 2022, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-rapport speċjali Nru 7/2022 bit-titolu "Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: għadd kbir ta' azzjonijiet ta' appoġġ iżda li mhumiex kompletament koerenti jew ikkoordinati".
2. F'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfasslin mill-Qorti tal-Awdituri¹, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2022, ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) biex jeżamina r-rapport speċjali f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq, u biex ifassal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali.

¹ Dok. 7515/00 FIN 127 + COR 1.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina r-rapport speċjali Nru 7/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2022.
 4. Fl-istess laqgħa, il-Presidenza ppreżentat proposta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan ir-rapport speċjali, kif jinsab fid-dokument 10318/22. Il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta l-proposta tal-Presidenza. L-ebda delegazzjoni ma qajmet oġġezzjonijiet għat-test propost mill-Presidenza, kif jinsab fl-ANNEX għal din in-nota.
 5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A", l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-ANNEX għal din in-nota.
-

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-rapport speċjali Nru 7/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: għadd kbir ta' azzjonijiet ta' appoġġ iżda li mhumiex kompletament koerenti jew ikkoordinati"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-rapport speċjali Nru 7/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: Għadd kbir ta' azzjonijiet ta' appoġġ iżda li mhumiex kompletament koerenti jew ikkoordinati" u JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet tal-Qorti;
2. JENFASIZZA l-importanza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u tal-mikrointrapriżi bħala s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, b'mod partikolari għall-ħolqien tal-impjiegi; IFAKKAR li, fl-2021, madwar 99 % tan-negozji kollha fl-UE kienu SMEs, li ġġeneraw aktar minn nofs il-produzzjoni ekonomika tal-UE u jimpjegaw madwar 100 miljun persuna, li jikkorrispondu għal żewġ terzi tal-impjiegi kollha fis-settur tan-negozju mhux finanzjarju¹;
3. JINNOTA, madankollu, li l-SMEs kienu inqas attivi fis-swieq internazzjonali minn kumpaniji akbar, kemm f'termini ta' esportazzjonijiet kif ukoll fir-rigward tal-importazzjonijiet u l-kooperazzjoni teknika, u ammontaw biss għal 30 % tal-valur totali tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi mhux tal-UE; JIEĦU NOTA tar-raġunament tal-Qorti li fatturi interni u esterni bħannuqqas ġenerali ta' għarfien dwar il-kummerċ internazzjonali jew opportunitajiet ta' negozju, liġijiet barranin kumplessi, reġimi doganali u ostakli amministrattivi oħra, riżorsi u kapaċitajiet limitati, averżjoni għar-riskju, u nuqqas ta' għarfien dwar skemi ta' appoġġ pubbliku żammew lill-SMEs milli jinvolvu ruħhom fl-internazzjonalizzazzjoni daqs negozji akbar;

¹ Skont id-data tal-Kummissjoni Ewropea.

4. JISSOTTOLINJA li l-internazzjonalizzazzjoni hija mutur sinifikanti tat-tkabbir fl-UE u li l-ghajjnuna lill-SMEs biex jindirizzaw dawn l-isfidi, jegħlbu l-ostakli u jespandu n-negozji tagħhom lejn swieq internazzjonali kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha permezz ta' strateġija koerenti u kkoordinata tista' tagħti kontribut importanti għall-ekonomija tal-UE;
5. JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-indirizzar tal-isfidi identifikati u l-impenn tal-Kummissjoni li tiegħu azzjonijiet b'appoġġ għat-tkabbir internazzjonali tal-SMEs Ewropej f'konformità mal-oġġettivi u l-prinċipji stabbiliti fil-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Negozju Żgħir, Dinja Kbira" tal-2011² li tistabbilixxi strateġija tal-UE għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs;
6. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet tal-Qorti li:
 - l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-istrateġija għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs ma kinitx kompluta peress li għad ma hemmx inventarju aġġornat tal-azzjonijiet rilevanti kollha f'dan il-qasam li jippermetti li jiġu identifikati lakuni, duplikazzjonijiet u sinerġiji potenzjali fost l-azzjonijiet eżistenti, iżda wkoll l-ebda monitoraġġ tal-progress u l-ebda evalwazzjoni perijodika tal-effikaċja tal-istrateġija;
 - is-sostenibbiltà finanzjarja tal-azzjonijiet tal-UE mhux dejjem ġiet indirizzata biżżejjed; u
 - mhux il-proġetti kollha jiksibu kontinwità fit-tul.
7. JILQA' l-valutazzjoni tal-Qorti li n-Network Enterprise Europe (EEN) laħaq il-miri ewlenin tiegħu fl-għoti ta' appoġġ lill-SMEs b'ambizzjonijiet internazzjonali; JAPPREZZA l-fehmiet tal-membri tal-EEN li l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni huwa utli; JISĦAQ, madankollu, fuq il-ħtieġa għal aktar sforzi f'termini tal-viżibbiltà tal-EEN, il-koordinazzjoni ma' strumenti simili tal-UE, nazzjonali u reġjonali, il-kopertura f'pajjiżi mhux tal-UE u l-bini tal-kapaċità sabiex jiżiedu s-sensibilizzazzjoni u l-aċċessibbiltà;

² Dok. 16764/11.

8. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tal-Qorti li l-inizjattiva Startup Europe tindirizza biss il-ħtiġijiet tan-negozji ġodda fuq terminu qasir, iżda hija nieqsa mill-kontinwità, li l-monitoraġġ tar-riżultati tal-inizjattiva mhuwiex biżżejjed għall-evalwazzjoni tal-punt sa fejn din tikkontribwixxi għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, u li hemm biss koordinazzjoni limitata mal-programmi nazzjonali li jipprovdu appoġġ lin-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu;
9. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex:
- iżżid is-sensibilizzazzjoni, il-koerenza, il-koordinazzjoni u s-sostenibbiltà tal-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs;
 - iżżid il-viżibbiltà tal-EEN, il-kooperazzjoni tiegħu ma' programmi simili oħra, is-sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ tiegħu, u l-kopertura ġeografika ta' sħab kummerċjali ewlenin ta' pajjiżi terzi;
 - ittejjeb il-monitoraġġ u l-effettività fit-tul tal-inizjattiva Startup Europe.
10. JITLOB lill-Kummissjoni tqis ir-rapport speċjali Nru 7/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fil-politiki tagħha, tagħmel l-informazzjoni dwar l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs aktar faċilment disponibbli u tressaq il-programmi tagħha eqreb lejn l-SMEs Ewropej.